# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Jannar, 2023.**

**Numru 25**

**Rikors numru 1065/18/1 TA**

**David Vincent Libreri**

**v.**

**Anthony magħruf bħala Twanny Baldacchino u Maria Licia magħrufa bħala Licia Baldacchino u b'digriet tad-19 ta' Jannar 2023 l-atti ġew trasfużi f'isem Maria Licia magħrufa bħala Licia Baldacchino stante l-mewt ta' Anthony magħruf bħala Twanny Baldacchino**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-attur u appell inċidentali tal-konvenuti minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-14 ta' Lulju, 2022, li fiha dik il-Qorti filwaqt li ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur, ikkundannat lill-

konvenuti sabiex iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża kif ukoll dawk tal-ittra uffiċjali *in solidum,* u dan wara li kkonkludiet li t-trasferiment hekk kif imwiegħed fil-wegħda ta' bejgħ u xiri preċedentement maqbula bejn il-kontendenti ma setax isir aktar minħabba l-ħtija tal-konvenuti;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf tas-26 ta' Ottubru, 2018, l-attur spjega li fis-17 ta' Jannar, 2018, huwa kien ikkonkluda konvenju mal-konvenuti għat-trasferiment ta' razzett inkluż ir-raba' miegħu fl-inħawi ta' Wied Xkora u msejħa ta' Sant' Agatha, bil-kejl totali ta' madwar 9298 m.k. aċċessibbli minn Triq l-Imqabba fil-limiti tas-Siġġiewi, u dan skont il-patti u kundizzjonijiet kollha hekk kif maqbula fl-istess konvenju.[1] Jispjega li dan il-konvenju kien ġie mġedded sat-28 ta' Settembru, 2018, u li fl-istess ġurnata tat-28 ta' Settembru, 2018, huwa kien interpella lill-intimati sabiex jersqu għall-iffimar u pubblikazzjoni tal-kuntratt tat-trasferiment ta' dik il-proprjetà. Wara li jistqarr li huwa minn dejjem kellu u għad għandu l-intenzjoni li jersaq għall-kuntratt finali tat-trasferiment *"u dan skont kif pattwit fl-istess konvenju."*, talab lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-konvenuti huma obbligati li jersqu fi żmien qasir u prefiss minnha għall-att pubbliku ta' trasferiment tal-proprjetà soġġetta għall-konvenju *"u dan versu l-prezz*

[1] Ara 'Dok 1' anness mar-rikors maħluf (fol.5).

*u għal dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha l-oħra kif riżultanti mill-istess konvenju".* Talab ukoll li jiġi nominat nutar pubbliku sabiex jippublika l-kuntratt u jagħmel dawk l-atti kollha neċessarji biex dan ikun jista' jsir. Fl-aħħar nett talab lill-Qorti biex tiffissa jum, ħin u post dwar meta u fejn kellu jkun iffirmat l-att finali, u biex il-Qorti taħtar ukoll kuraturi deputati biex jidhru fuq dak l-att f'isem l-intimati u dan f'każ li dawn tal-aħħar jonqsu milli jidhru fil-jum, ħin u lok stabbiliti mill-Qorti;

3. Min-naħa l-oħra, permezz ta' risposta maħlufa li ġiet preżentata fis-6 ta' Frar, 2019, il-konvenuti, fost l-oħrajn, iddikjaraw li huma wkoll kienu interpellaw lill-attur sabiex jersaq għall-att finali ta' bejgħ permezz tal-ittra uffiċjali bin-numru 3386/2018. Ċaħdu li l-attur ried jersaq għall-att finali u spjegaw li l-konvenju mertu tal-kawża ma setax isir peress li, fost l-oħrajn, il-kondizzjoni li l-immobbli trasferit ikun kopert b'permess ta' żvilupp partikolari ma setgħetx f'dak l-istadju tiġi sodisfatta u dan minħabba n-nuqqasijiet tal-attur stess. Spjegaw li kien għalhekk li ressqu kawża oħra[2] li fiha talbu l-Qorti ssib li l-att finali ma sarx tort tal-attur u li konsegwentement id-depożitu mħallas minnu ntilef favur tagħhom;

4. Fuq is-saħħa tad-dikjarazzjonijiet riferuti hawn fuq, il-konvenuti mbagħad għaddew biex ressqu sitt eċċezzjonijiet. F'dik tal-ewwel qalu li

[2] Rik. Ġur 1061/2018TA.

kien hemm lok għall-konnessjoni tal-kawża flimkien ma' dik imressqa minnhom fl-ismijiet inversi permezz tar-rikors maħluf numru 1061/2018TA. Fit-tieni eċċezzjoni, l-intimati mbagħad argumentaw li t-talbiet tal-attur ma jistgħux jintlaqgħu għaliex il-wegħda tal-bejgħ hija milquta minn *causa* illeċita, u dan peress li kienet ġiet miftehma kunsiderazzjoni ulterjuri li ġiet moħbija mill-fisku. Fit-tielet eċċezzjoni, l-konvenuti qalu li f'kull każ, l-azzjoni tal-attur hija 'nulla u rritwali' għaliex azzjoni għall-eżekuzzjoni ta' konvenju ma tistax issir minn parti li taf li l-bejgħ ma jistax isir kif miftiehem. Fir-raba' eċċezzjoni l-konvenuti mbagħad komplew jibnu fuq dik ta' qabel billi spjegaw li l-bejgħ miftiehem ma setax jitwettaq għaliex, 'fost ħwejjeġ oħra', il-permess ta' żvilupp bin-numru PA/02476/17 ma kienx għadu fis-seħħ. Fl-aħħar żewġ eċċezzjonijiet l-intimati mbagħad qalu li l-permess ta' żvilupp bin-numru PA/02476/17 ma kienx għadu fis-seħħ għal raġunijiet li jaħti għalihom l-attur, u sussegwentement il-konvenuti għalqu billi qalu li t-talbiet tal-attur huma nfondanti kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda;

5. Fl-udjenza tal-25 ta' Marzu, 2019, ġie verbalizzat li: *"Il-partijiet qegħdin jaqblu illi l-provi f'din il-kawża għandhom japplikaw għall-kawża l-oħra fl-ismijiet inversi fuq il-lista ta' kawżi tal-lum stess bin-numru 1061/18TA u vice versa. Il-partijiet qegħdin jaqblu wkoll illi din il-kawża għandha timxi mal-kawża l-oħra li qed titħalla għall-provi tal-attur f'dik il-*

*kawża.”.* Il-kawżi komplew mixjin ma’ xulxin, tant li fis-seduta tal-12 ta Jannar, 2022, il-partijiet irriaffermaw li din il-kawża hija miexja mal-kawża l-oħra bin-numru 1061/2018TA fl-ismijiet inversi, tant li qablu li n-noti ta’ osservazzjonijiet li kienu ser jiġu preżentati fil-kawża l-oħra, ikunu wkoll jgħoddu għal din il-kawża. Iż-żewġ kawżi mbagħad tħallew għas-sentenza għall-14 ta’ Lulju, 2022;

6. B’sentenza mogħtija fl-14 ta’ Lulju, 2022, il-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur u dan għaliex fost l-oħrajn sabet li l-attur ma setax jenforza t-trasferiment tal-propjetà skont il-kundizzjonijiet maqbula fil-konvenju u dan minħabba diversi nuqqasijiet tal-konvenuti. Mid-dispożittiv tas-sentenza jirriżulta wkoll li l-Qorti speċifikatament ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti u dan għar-raġunijiet hemmhekk mogħtija. Il-Qorti wkoll ordnat li l-ispejjeż kollha tal-kawża flimkien ma’ dawk tal-ittra uffiċjali jiġu sopportati mill-konvenuti solidament bejniethom;

7. Kemm l-attur kif ukoll l-konvenuti ħassewhom aggravati bis-sentenza tal-Ewwel Qorti;

8. Permezz ta’ rikors ta’ appell ippreżentat fit-8 ta’ Awwissu, 2022, l-attur talab lil din il-Qorti sabiex *“tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti fil-kawża fl-ismijiet fuq premessi* <u>*bin-numru*</u>

<u>*1065/2018TA*</u> *u tilqa' t-talbiet tiegħu hekk kif dedotti fir-rikors ġuramentat li ġie sottomess quddiem il-Qorti Ċivili tal-Prim' Awla, u tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti in toto, b'dan illi tilqa' dan l-appell, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess konvenuti"*;

9. Min-naħa l-oħra, l-intimati nqdew bl-appell tal-attur, biex flimkien mat-tweġiba għall-appell għamlu appell inċidentali u talbu lil din il-Qorti sabiex: *"tirrespinġi l-appell prinċipali tal-attur u minflok tilqa' l-appell inċidentali tagħhom u konsegwentement tirriforma, tvarja u tbiddel is-sentenza mogħtija...(Rikors Maħluf Numru 1065/2018TA) billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ċaħdet it-talbiet tal-attur, tirrevokaha, fejn ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti u fejn ikkundannathom iħallsu l-ispejjeż kollha, u minflok tgħaddi biex tilqa' t-tieni eċċezzjoni tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġt istanzi kontra l-attur"*;

10. L-intimati ma waqfux hawn għaliex fl-istess risposta għall-appell qajmu wkoll għall-ewwel darba <u>**l-eċċezzjoni tal-ġudikat**</u>, u dan fid-dawl ta' dak li ġie deċiż f'dik il-kawża li kienet miexja ma' din il-kawża, u ċioè dik fl-ismijiet inversi ta' *'Anthony sive Twanny Baldacchino et v. David Vincent Libreri'* (Rik. Nru 1061/2018TA), u li ngħatat mill-istess Qorti fl-istess ġurnata;

11. F'risposta preżentata fl-24 ta' Ottubru, 2022, l-attur laqa' għall-appell inċidentali billi għar-raġunijiet hemm ipprovduti talab lil din il-Qorti biex tiċħad l-appell inċidentali tal-atturi, bl-ispejjeż kollha. F'dik ir-risposta, l-attur però baqa' sieket għal kollox dwar il-kwistjoni marbuta mal-eċċezzjoni ulterjuri tal-ġudikat li tqajmet mill-konvenuti;

12. Peress li l-attur lanqas ma għamel xi talba għall-finijiet tal-Artikolu 207(3) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biex iwieġeb speċifikament għall-eċċezzjoni ulterjuri tal-ġudikat, din il-Qorti tqis li l-fażi tal-proċedura bil-miktub ingħalqet u għaldaqstant peress li ma jirriżultalhiex il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ, il-Qorti ser tkun qed tgħaddi minnufih għas-sentenza u dan fuq is-saħħa tal-Artikolu 152(5) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

***Ikkunsidrat***

13. Din il-Qorti tħoss li għandha tibda billi tindirizza l-eċċezzjoni ulterjuri tal-ġudikat u dan minkejja li l-intimati qed jgħidu li dik l-eċċezzjoni qed tingħata b'mod sussidjarju għat-tieni eċċezzjoni tagħhom dwar l-illeċità tal-kawża. Minn kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Vincent Cilia v. L-Onorevoli Prim. Ministru et.*** deċiża fit-28 ta' Jannar, 2005,[3] *"una volta li*

[3] App Ċiv. Nru. 656/1998/1 – Qorti Kostituzzjonali.

*parti tiġbed l-attenzjoni tal-Qorti, anke jekk biss indirettament u mhux f'forma ta' eċċezzjoni mogħtija formalment, li hemm sentenza oħra u preċedenti bejn il-partijiet fuq l-istess materja u fuq l-istess kawżali, l-ġudikant hu obbligat li jinvesti l-kwistjoni".*[4] Meqjus li f'dan il-każ l-intimati qajmu formalment din l-eċċezzjoni fir-risposta għall-appell, u kkunsidrat ukoll li l-eċċezzjoni tal-ġudikat hija waħda ta' sura perentorja,[5] u b'hekk f'każ li jirriżulta li hija siewja din twassal biex toqtol il-kawża, il-Qorti sejra tgħaddi biex tindirizza din l-eċċezzjoni qabel kull aggravju ieħor;

14. Dwar din il-kwestjoni, l-intimati jargumentaw, li f'din il-kawża, l-attur ma jistax ikompli jisħaq li għad hemm lok għall-eżekuzzjoni tal-konvenju għaliex fil-kawża konnessa bin-numru 1061/2018TA, il-Qorti sabet li l-istess konvenju ma jistax jiġi enforzat. Jgħidu wkoll li filwaqt li t-talbiet f'din il-kawża mhumiex identiċi għal dawk fil-kawża bin-numru 1061/2018TA, jibqa' l-fatt li r-*ratio petendi* huwa l-istess, u b'hekk il-ġudikat huwa ta' xkiel għall-prosegwiment tal-pretensjonijiet tal-attur f'din il-kawża. Jargumentaw ukoll li ġialadarba l-konklużjonijiet fis-sentenza bin-numru 1061/2018TA ma kinux konsistenti mal-pretensjonijiet tal-attur

---

[4] F'dik il-parti tas-sentenza saret ukoll referenza għas-sentenzi fl-ismijiet ta': ***Nutar Oscar Azzopardi v. Gerald Cuschieri,*** Prim'Awla, 19 ta' Diċembru, 1950 (Kollezz. Vol. XXXIV.ii.725); ***Pawlina Zammit pro et noe v. Gerald Zammit*** Prim'Awla, 28 ta' Ġunju, 1954 (Kollezz. Vol. XXXVIII.ii.533); ***Assunta Cassar v. Avukat Dott. Carmelo Zammit noe*** Qorti ta' l-Appell, 4 ta' Novembru, 1955 (Kollezz. Vol. XXXIX.i.282); ***Giuseppe Mallia v. Carmelo Giordimaina*** Prim' Awla, 11 ta' Novembru, 1957 (Kollezz. Vol. XLI.ii.1163); ***Toni Pellegrini v. Maurice Abela et noe*** Qorti Kostituzzjonali, 9 ta' Marzu, 1967)

[5] Ara f'dan is-sens ***Sunspot Tours Limited v. C.H, Caterers Limited,*** deċiża minn din l-Qorti fis-16 ta' Diċembru, 2003 (App. Ċiv. Nru. 1921/1995/1).

f'din il-kawża allura l-attur kien messu appella wkoll mis-sentenza mogħtija f'dik il-kawża u speċifikament mill-partijiet tagħha li ma kinux konsistenti mal-eċċezzjonijiet tiegħu;

15. Minn kif inhu magħruf sewwa fil-ġurisprudenza, hemm tlett elementi li huma lkoll meħtieġa biex tkun tista' tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tal-ġudikat. Dawn huma li l-kawżi jridu jkunu: (i) bejn l-istess persuni *(eadem personae)*; (ii) fuq l-istess oġġett *(eadem res)*, u (iii) dwar l-istess kawżali *(eadem causa petendi)*.[6] Jeħtieġ għalhekk li din il-Qorti tagħmel eżerċizzju komparattiv bejn din il-kawża mal-kawża bin-numru 1061/2018TA, li minn din tal-aħħar ma sar l-ebda appell u għalhekk tikkostitwixxi ġudikat;

16. Dwar l-ewwel element u ċioè dak li l-kawżi jridu jkunu bejn l-istess persuni, din il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tindaga fil-fond u dan għaliex anke minn sempliċi daqqa t'għajn lejn l-okkju tal-kawżi jirriżulta li l-partijiet f'din il-kawża u fil-kawża bin-numru 1061/2018TA huma l-istess, bid-differenza li l-attur f'din il-kawża huwa l-konvenut fil-kawża l-oħra u viċi versa. L-element tal-***eadem personae*** huwa għalhekk sodisfatt;

[6] Ara fost l-oħrajn is-sentenzi fl-ismijiet ta' ***Anna Magro et. v. Emanuela Psaila nomine,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Diċembru, 2002, u ***Alfred Lanzon et. v. Charles Zammit Cordina,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Jannar, 2009.

17. Sabiex naraw jekk il-kawżi humiex dwar l-istess oġġett u dwar l-istess kawżali, din il-Qorti jeħtiġilha li tagħmel eżami aktar fil-fond tal-proċeduri bin-numru 1061/2018TA. B'mod partikolari, din il-Qorti trid tara x'kienu l-premessi u t-talbiet, l-eċċezzjonijiet, il-parti dispożittiva tas-sentenza u l-kunsiderazzjonijiet li saru biex il-Qorti waslet għal dik id-deċiżjoni;

18. Nibdew l-ewwel bil-kawżali u t-talbiet biex b'hekk naraw jekk l-element tal-***eadem causa petendi*** ġiex tassew sodisfatt;

19. Tifsira ċara u konċiża dwar x'jitlob dan l-element biex jissussisti ġiet mogħtija fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Twilight Enterprises Limited v. Festa Limited***, li fiha ġie osservat hekk: *"[ġ]eneralment, b'dan l-element wieħed jifhem u jirreferi għat-titolu jew il-kawżali li fuqhom jinbdew it-talbiet tal-kawża".*[7] Fuq l-istess ħsieb, fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Rabat Construction Limited v. Cutajar Construction Limited*** intqal li: *"Din il-kondizzjoni tirrikjedi li "the cause of the claim" kontenuta fit-talba l-gdida, tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat."*[8] F'din is-sentenza tal-aħħar ġie osservat ukoll li: *"l-Prof. Caruana Galizia f' "Notes on Civil Law" (Pt. IV p.1428) spjega li l-*

[7] ***Twilight Enterprises Limited v. Festa Limited*** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Jannar, 2012, (Ċit. Nru. 2588/1998/1JRM.

[8] ***Rabat Construction Limited v. Cutajar Construction Limited***, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Jannar, 2002 (Ċit. Nru. 1209/00RCP).

*causa petendi hi "the title on which the demand is based". Illi ghalhekk, din hija t-titlu, cioe', l-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu bbazat. Illi sabiex il-kundizzjoni ta' l-"eadem causa petendi" tirnexxi, irid jigi ppruvat li l-kawzali kontenuta fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b'sentenza li ghaddiet in gudikat"*;[9]

20. Huwa wkoll magħruf sewwa fil-ġurisprudenza, li biex jissussisti l-element tal-identità tal-*causa petendi* mhuwiex meħtieġ li t-talbiet jew il-motivi li jwasslu għal dawk it-talbiet ikunu l-istess. Pereżempju, fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Adrian Busietta noe. v. Marco Attard noe.***[10] din il-Qorti hekk kif kienet qed tagħmel referenza għat-tagħlim ġurisprudenzjali rilevanti fuq dan l-element semmiet li: "*Hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gjudikat anki meta l-mertu tal-kawza ghalkemm distint minn dak ta' qabel jifforma parti mill-istess haga, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess .... (Volume XXXVI part (i) page 75).*".[11] Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Alfred Brown et. v. Androxa Furniture Limited,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Ċivili Inferjuri)[12] intqal li: "*irid jiġi sottolinejat, però illi jekk il-petitum hu divers minn dak propost fil-ġudizzju preċedenti, iżda l-*

[9] Id.

[10] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar, 2001 (App. Ċiv. Nru 1551/92/1JF);

[11] Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **ta' *Cole Foods Limited v. Accent Clear Traders Company Limited*,** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-4 ta' Ġunju, 1999, u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija. Ara wkoll ***Twilight Enterprises Limited v. Festa Limited*** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Jannar, 2012, (Ċit. Nru. 2588/1998/1JRM; u ***Adrian Busietta noe. v. Marco Attard noe.***

[12] App Ċiv. Nru. 1866/2004/1, deċiż fil-14 ta' Diċembru, 2006.

*partijiet huma l-istess u d-domandi huma bażati fuq l-istess fatti,*[13] *l-aċċertament ġudizzjali (li għadda in ġudikat) fuq l-eżistenza ta' dan jagħmel stat fit-tieni ġudizzju."* Hekk ukoll intqal fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Carmelo sive Nenu D'Amato et v. Carmelo Camilleri***: - *"Illi l-Qorti qieset ukoll x'qalu l-qrati Maltin dwar il-parametri ta' l-eadem causa petendi, u ssib li dawn kollha jduru mal-punt ewlieni li l-identità m'hijiex mistennija li tkun għal kollox assoluta biex tista' tirnexxi l-eċċezzjoni tal-ġudikat fuq dan il-punt (Ara, per eżempju, App. Ċiv. 6.3.1950 fil-kawża fl-ismijiet Bonello vs Cuschieri noe (Kollez. Vol: XXXIV.i.74));"*;

21. Applikati dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali għall-każ tal-lum, għalkemm il-Qorti tosserva li kemm it-talbiet, kif ukoll il-motiv wara t-talbiet f'din il-kawża u fil-kawża 1061/2018TA mhumiex l-istess; għaliex filwaqt li f'din il-kawża l-motiv tal-attur huwa li jenforza l-wegħda tal-bejgħ skont il-patti u kundizzjonijiet hekk miftiehma fil-konvenju;[14] u l-motiv fil-kawża l-oħra kien li l-Qorti tiddikjara li l-atturi f'dik il-kawża (hawn konvenuti) għandhom il-jedd li jżommu l-flus li ġew mgħoddija akkont tal-prezz finali u dan bħala danni pre-likwidati skont kif ġie miftiehem fl-istess konvenju - din il-Qorti xorta waħda tqis li l-fatt ġuridiku li wassal għaż-żewġ kawżi huwa prattikament identiku, u dan għaliex iż-żewġ kawżi huma essenzjalment imsejsa fuq il-fatti prinċipali li: (i) fis-17 ta' Jannar,

[13] Enfasi ta' dik il-Qorti.
[14] Ara l-ewwel talba tal-attur.

2018, il-partijiet iffirmaw bejniethom konvenju; (ii) sad-data tal-iskadenza tal-konvenju dak li ġie mwiegħed fil-konvenju ma twettaqx; u (iii) iż-żewġ partijiet, għall-motivi tagħhom, riedu jinforzaw dan li ġie miftiehem fil-konvenju. Din il-Qorti għalhekk qiegħda tasal għall-konklużjoni li l-element tal-*eadem causa petendi* ġie sodisfatt;

22. Jibqa' biex jiġi mistħarreġ jekk l-oġġett ta' din il-kawża u ta' dik bin-numru 1061/2018TA humiex l-istess. Minn aspett ta' xejra legali jibda biex jiġi osservat li fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Lambusa Maritime Company Limited v. Frieghtzone (Malta) Limited,***[15] din il-Qorti fissret l-element tal-***eadem res*** bil-mod segwenti:

> *"Illi għal dak li jirrigwarda l-element tal-identita' tal-ħaġa huwa mfisser li dan l-element jirreferi għall-oġġett li jifforma t-talba, jiġifieri jirreferi għall-punt involut fil-kontroversja bejn il-partijiet. Huwa stabilit li mhux meħtieġ li jkun hemm l-identita' assoluta bejn it-talba li tifforma l-mertu tas-sentenza li saret ġudikat u t-talba fit-tieni kawża, għaliex hu meqjus biżżejjed li jkun hemm xebh f'tali punt kontrovers.[16] Dan jinkwadra ruħu f'dak li fid-duttrina huwa magħruf bħala l-"giudicato esplicito" u l-"giudicato implicito"[17];"*

23. Fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Joseph Camilleri v. Lilian Mallia,***[18] din il-Qorti mbagħad kompliet tgħid hekk:

> *"Dwar l-identità tal-ħaġa mitluba bħal wieħed mir-rekwiżiti tal-ġudikat, hu paċifikament ammess li mhux neċessarju illi l-identità tkun assoluta u materjali imma tibbasta l-identità ġuridika.*

[15] App. Ċiv. Nru. 157/2009/1, deċiż fis-6 ta' Mejju, 2011
[16] P.A. **28.2.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela v. Fenech*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.243**) u App. Ċiv. **15.2.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone v. Mifsud et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.51**)
[17] Ara App. Inf. **28.11.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Camilleri et v. Mario Borġ pro et noe et***
[18] ***Joseph Camilleri v. Lilian Mallia,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell, fil-5 ta' Ottubru, 1998 – Vol LXXXII,(ii), i, p. 305.

> *Kriterju razzjonali biex f'kull każ jista' jingħad jekk u meta jkun hemm l-identità ta' l-oġġett bejn l-ewwel kawża disposta b'sentenza u t-tieni kawża opposta bl-eċċezzjoni tal-ġudikat hu dak li wieħed jeżamina jekk il-kwistjoni li tiġi sollevata bit-tieni domanda ġietx jew le deċiża bil-ġudikat preċedenti, fi kliem ieħor, jekk il-punt li jiġi diskuss fit-tieni kawża ġiex jew le ġudikat bis-sentenza ta' qabel jew jekk dik l-ewwel sentenza ħallitx dak il-punt impreġudikat.*
>
> *Jekk bejn it-talbiet fit-tieni kawża u dak li ġie deċiż fl-ewwel kawża jkun jkun hemm kontradizzjoni u mpossibilità ta' koeżistenza, allura jirrikorri dan ir-rekwiżit tal-ġudikat u ċioe l-identità tal-oġġett"*

24. Fuq l-istess ħsieb, fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Rabat Construction Limited v. Cutajar Construction Limited***[19] ġie wkoll osservat li:

> *"mill-interpretazzjoni li jaghtu d-diversi awturi ta' kif ghandha tigi determinata l-identita` ta' l-oggett jidher illi l-ahjar mod hu li tezamina jekk il-kwistjoni mqajjma fit-talbiet attrici gietx jew le deciza minn sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. Illi ghalhekk, wiehed irid jara jekk il-punt imqajjem fl-istess talbiet gewx determinati mis-sentenza l-ohra jew jekk baqax irrisolt. Illi jekk il-kwistjoni tkun giet diskussa u deciza, allura jkun hemm l-identita` ta' l-oggett."*[20];

25. B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali għall-każ tal-lum, din il-Qorti tqis li sabiex tiddetermina jekk l-element tal-*eadem res* ġiex tassew sodisfatt jew le, din il-Qorti għandha: (i) l-ewwel teżamina x'inhi il-kwistjoni mqajma fit-talbiet ta' din il-kawża; u (ii) imbagħad teżamina x'intqal fis-sentenza għall-kawża 1061/2018TA, biex b'hekk tiddetermina jekk f'dik is-sentenza, il-Qorti ħallietx impregudikata l-kwistjoni marbuta mat-talbiet ta' din il-kawża;

[19] Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ta' ***Helen sive Eileen Borg v. Bank of Valletta p.l.c.,*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Mejju, 2001 (Ċit. Nru. 1753/00JRM).
[20] ***Rabat Construction Limited v. Cutajar Construction Limited***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Jannar, 2002 (Ċit. Nru. 1209/00RCP).

26. Safejn għandu x'jaqsam mal-kwistjoni mqajma fit-talbiet ta' din il-kawża, din il-Qorti ma tarax li hemm il-ħtieġa għal stħarriġ profond, u dan għaliex minn sempliċi daqqa t'għajn lejn it-talbiet jirriżulta li l-pretensjoni tal-attur f'din il-kawża hija dwar jekk il-Qorti għandhiex tiddikjara li l-intimati huma obbligati li jersqu għall-iffirmar u l-pubblikazzjoni tal-att ta' trasferiment tal-proprjetà mertu tal-konvenju, u dan hekk kif mitlub fl-ewwel talba;

27. Min-naħa l-oħra, dwar il-kwestjoni jekk fis-sentenza għall-kawża bin-numru 1061/2018TA il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ħallietx impreġudikat il-punt identifikat fil-paragrafu ta' qabel dan, il-Qorti jeħtieġilha li tagħmel stħarriġ aktar fil-fond, u partikolarment jeħtieġ li tixtarr dak li ġie deċiż f'dik is-sentenza;

28. Dwar dan il-punt, u speċifikament dwar liema parti tas-sentenza trid tara l-Qorti sabiex tiddetermina jekk il-kwestjoni f'din il-kawża tħallietx impreġudikata jew le, din il-Qorti tibda billi tgħid li, fil-prinċipju, dak li trid teżamina l-Qorti hija l-parti dispożittiva tas-sentenza.[21] Madanakollu, bħalma qalet din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Joseph Camilleri v.***

[21] Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ta' ***Caterina Gerada v. Avukat Dottor Antonio Caruana,*** deċiża minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu, 1958 (Vol. XLII.I.113);

**Lilian Mallia**:[22] *"[p]erò, sussegwentement jista' jiġri illi d-deċiżjoni ma tkunx internament fil-parti disposittiva tas-sentenza iżda anke fil-parti razzjonali tagħha meta fil-motivazzjoni tiġi definita u riżolta xi vera kwistjoni b'mod li dik il-parti tkun il-premessa loġika u neċessarja mad-dispositiv u allura dik il-parti tifforma ħaġa waħda mid-dispożittiv li kollha flimkien jiffurmaw il-ġudikat"*;

29. Similarment, fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Giovanni Grima v. Victor Fava u Michele Peresso***[23] din il-Qorti qalet hekk:

> *"Hu veru illi dan, ma jingħadx in termini fid-dispożittiv tas-senteza appellata. Iżda kif intqal fis-sentenza mogħtija fil-kawża "Farrugia Gay vs. Farrugia" (Kollez. Vol. XXIV, I,157) "per riconoscere il vero portata di una sentenza, ocorre indagare quale fosse stato la questione sulla quale il Giudice fu chiamato a pronunziarsi e la discussione che precedette il suo giudizio, ed esaminare il dispositivo nel suo complesso, raffrontandolo, mettendolo in armonia colla motivazione la quale è anche parte integrale della sentenza sebbene non ne sorga il giudicato". L-istess ħaġa intqal minn din il-Qorti fil-kawża "Debono vs. Matthews" (App. Ċiv. 24 ta' Ottubru. 1966) ċioè illi "id-dispositiv ma jistax ma jinqarax fid-dawl tal-premessi". Fl-appell "Dottor Caruana vs. Dottor. Buhagiar (App. Ċiv. 17 ta' Diċembru, 1965) din il-Qorti qalet" "Biex dikjarazzjoni tkun konklussiva jew obbligatorja ma tridx tkun merament raġunament jew sempliċi motiv iżda vera soluzzjoni ta' kwistjoni trattata fis-sentenza li tirrapreżenta il-konklużjoni finali tal-Qorti fuq il-kwistjoni. Dak li hu importanti huwa li s-soluzzjoni jew il-konklużjoni tkun inkluża fis-sentenza u ma jimpurtax f'liema parti tagħha." Fl-aħħar nett fil-kawża "Testaferrata Bonnici vs. Testaferata Bonnici" (App. Ċiv. 12 ta' Mejju 1958) intqal – u dak hu partikularment appożitu għall-każ preżenti – illi "vera soluzzjoni ta' kwistjoni trattata fis-sentenza li tirrapreżenta il-konklużjoni finali tal-Qorti fuq il-kwistjoni".*

[22] ***Joseph Camilleri v. Lilian Mallia,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell, fil 5 ta' Ottubru, 1998 – Vol LXXXII,(ii), i, p. 305.
[23] ***Giovanni Grima v. Victor Fava u Michele Peresso,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell, fis-26 ta' Mejju, 1967, (Vol: LI.i.325).

30. Ikkunsidrat dan kollu, din il-Qorti tqis li filwaqt li minn daqqa t'għajn lejn il-parti dispożittiva tas-sentenza għall-kawża bin-numru 1061/2018TA ma jissemma xejn fuq il-kwestjoni dwar jekk Libreri jistax jinsisti aktar fuq it-trasferiment tal-propjetà mertu tal-konvenju, minn qari meqjus tas-sentenza jirriżulta li l-Qorti waslet biex ċaħdet it-talbiet kollha tal-atturi għaliex fil-parti razzjonali tas-sentenza sabet proprju li l-konvenju ma setax jiġi eżegwit aktar u dan tort ta' Baldacchino. Kemm hu hekk, fil-parti tal-konsiderazzjonijiet u wara li l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili rreferiet għall-każ ta' ***Alexandra Dalmas et v. Mark Micallef et***. qalet li: -

> *"**B'applikazzjoni tal-insenjament tas-sentenza fuq ċitata, imiss għal Qorti li, qabel kull konsiderazzjoni rigward id-danni, tiddeċiedi l-ewwel jekk il-konvenju jistax jiġi enforzat**. F'dan ir-rigward u a skans ta' ripetizzjonijiet, il-Qorti tagħmel ampja referenza għas-sentenza fl-ismijiet inversi fl-atti tar-Rikors 1065/2018 (pronunzjata wkoll illum) u tapplika l-istess kunsiderazzjonijiet hemm determinati minnha.*
>
> ***Fid-dawl ta' dawk il-konsiderazzjonijiet, Il-Qorti tasal għall-istess konklużjoni li waslet għaliha fil-Kawża l-oħra numru 1065/2018, li l-Konvenju ma jistax jiġi enforzat unikament b'konsegwenza tal-aġir tal-Atturi vendituri u għal raġunijiet imputabbli lilhom**. Dan ifisser li l-Atturi ma jistgħux jinvokaw favur tagħhom il-proviso tal-artikolu 1 tal-Konvenju mertu tal-Kawża għaliex il-konvenuti ma jaħtu xejn għall-fatt li ma resqux għall-kuntratt finali. **Pjuttost għandhom dritt għad-depositu minnhom imħallas abbażi ta' klawsola 11 tal-konvenju u dan sabiex il-partijiet jerġgħu jirritornaw għal posizzjoni li kienu fiha qabel, ġia la darba n-negozju sfratta** (Ara Sentenza fl-ismijiet Victor Cini -vs- Andrew Agius et, App Kum 09/03/1988).*
>
> *Il-Qorti sejra għaldaqstant tiċħad it-talbiet Attriċi, bl-ispejjeż".*[24]

[24] Enfasi miżjud minn din il-Qorti.

31. Minn qari tas-sentenza fis-sħiħ tagħha, huwa ċar biżżejjed għal din il-Qorti li kienu l-kunsiderazzjonijiet hekk kif riprodotti fil-paragrafu ta' qabel dan li sewwasew irrappreżentaw il-vera soluzzjoni għall-kwistjoni f'dik il-kawża. Minħabba f'hekk, u dejjem fid-dawl tal-prinċipji ġurisprudenzjali hekk kif imsemmija aktar kmieni, din il-Qorti tqis li l-parti hawn fuq imniżżla trid ta' bilfors tinqara ħaġa waħda mad-dispożittiv ta' dik l-istess sentenza;

32. Ikkunsidrat dan kollu, din il-Qorti tqis li l-kwestjoni kollha f'din il-kawża dwar jekk it-trasferiment tal-propjetà soġġetta għall-konvenju jistax isir hekk kif mitlub mill-attur, ma tħallietx impreġudikata mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza għal-kawża bin-numru 1061/18TA, u dan għaliex minn kif rajna dik il-Qorti kkonkludiet li *"l-konvenju ma jistax jiġi enforzat"*;

33. Ġialadarba din il-Qorti hija tal-fehma li tali konklużjoni trid tinqara ħaġa waħda mal-parti dispożittiva tas-sentenza, din il-Qorti ssib ukoll li hemm kontradizzjoni u mpossibilità ta' ko-eżistenza bejn dak mitlub f'din il-kawża (l-infurzar tal-konvenju) u dak li ġie deċiż fl-ewwel kawża, u ċioè li *"l-konvenju ma jistax jiġi enforzat"*. Għaldaqstant, din il-Qorti hija wkoll tal-fehma li l-kriterju tal-identità tal-oġġett tal-kawża ġie wkoll sodisfatt;

34. Din il-Qorti tagħlaq billi tgħid li, Baldacchino qalu sewwa li, ġaladarba li fil-kawża bin-numru 1061/18TA il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kkonkludiet li *"l-konvenju ma jistax jiġi enforzat",* allura kellu jkun ċar biżżejjed għal Libreri li tali konklużjoni kienet inkompatibbli kemm mal-eċċezzjonijiet tiegħu (partikolarment it-tieni u r-raba' eċċezzjoni) u aktar u aktar mal-pretensjonijiet tiegħu f'din il-kawża. Libreri kellu għalhekk kull interess li jappella minn dik is-sentenza, u dan irrispettivament mill-fatt li fl-aħħar mill-aħħar it-talbiet ta' Baldacchino f'dik il-kawża ġew miċħuda. Fil-fehma ta' din il-Qorti, Libreri kellu wkoll utilità ġuridika konkreta x'seta' jieħu li kieku appella u l-Qorti kellha tiċħad it-talbiet tal-atturi għar-raġunijet hekk kif pereżempju mogħtija minnu fit-tieni eċċezzjoni u mhux fuq il-motiv li waslet għalih dik il-Qorti u ċioè li l-konvenju ma jistax jiġi enforzat tort ta' Baldacchino. Kif diġà ntqal, la Libreri u lanqas Baldacchino ma appellaw minn dik is-sentenza, u allura llum il-ġurnata dik id-deċiżjoni, li kif rajna tinkorpora fiha l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-konvenju ma jistax jiġi enforzat tikkostitwixxi stat kemm fil-konfront ta' Libreri kif ukoll fil-konfront ta' Baldacchino;

35. Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti hija kostretta li tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri ta' Baldacchino u ġaladarba din l-eċċezzjoni hija waħda ta' sura perentorja, dawn il-proċeduri ser ikollhom jintemmu hawn. Dan però assolutament bla ħsara għal kull azzjoni li Libreri jista' jkollu skont il-liġi kontra Baldacchino;

***Decide***

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-attur u filwaqt li tastjeni milli tiddeċiedi l-aggravji mqajma fl-appell inċidentali, tilqa' l-ewwel preġudizzjali tal-appellati fl-appell inċidentali tagħhom u ssib li l-appell tal-attur huwa milqut bil-ġudikat, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

Fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża u fid-dawl tal-fatt li fil-proċeduri bin-numru 1061/2018TA, instab illi Libreri ma kellu xejn x'jaħti għax ma resaqx għall-kuntratt finali u li l-konvenju ma jistax jiġi enforzat unikament b'konsegwenza tal-aġir ta' Baldacchino u għal raġunijiet imputabbli lilhom; din il-Qorti tara li, *ai termini* tal-Artikolu 223(3) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, hemm raġunijiet tajba biżżejjed sabiex tħalli l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża nkluż dawk marbuta mal-appell prinċipali u l-appell inċidentali, kif ukoll dawk tal-ittra uffiċjali tat-28 ta' Settembru, 2018, bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da